



OPINJONI NRU 06/2012

TAL-AĠENZIJA EWROPEA DWAR IS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI

tas-27 ta' Novembru 2012

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

u

għal Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

"Allinjament tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 mar-Regolament (KE) Nru 216/2008 u mar-rekwiżit tal-Anness 6 tal-ICAO għal prinċipji tal-fatturi umani li għandhom jiġu osservati fit-tfassil u l-applikazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru"

Sommarju Eżekuttiv

L-adozzjoni tar-Regolament Bażiku wasslet għall-ħtieġa ta' reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 2042/2003, li jinkludi r-regoli ta' implimentazzjoni għall-ajrunavigabbiltà kontinwa, sabiex tiġi vverifikata l-konsistenza bejn iż-żewġ Regolamenti u jiġi żgurat li r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 jinkludi l-mezzi xierqa biex jiġu implimentati r-rekwiżiti stabbiliti minn qabel fir-Regolament Bażiku.

Din l-Opinjoni tinkludi emendi fir-regoli ta' implimentazzjoni għall-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stat Membru tal-UE (Parti-M) u sett ġdid ta' rekwiżiti għall-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terzi u użati minn operaturi tal-UE (Parti-T). Barra dan, din l-Opinjoni tinkludi wkoll emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru.

L-emendi għall-Parti-M huma relatati ma':

- is-sostituzzjoni tal-kunċett ta' "inġenji tal-ajru kbar" bil-kunċett ta' "inġenji tal-ajru b'magni kumplessi"; u
- l-introduzzjoni ta' rekwiżiti għal operazzjoni b'finijiet kummerċjali. Fir-rigward ta' dan l-aspett, l-Aġenzija tirrikonoxxi l-pożizzjoni tal-grupp ta' Strateġija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ġenerali u l-fatt li l-azzjonijiet irrakkomandati fid-dokument ta' strateġija tagħha jista' jkollhom impatt fuq il-kontenut ta' din l-Opinjoni.

Ir-rekwiżiti inklużi fil-Parti T għandhom l-għan li jiżguraw li l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru ta' pajjiżi terzi mħaddma minn operaturi tal-UE jew minn operaturi residenti fl-UE tħares ir-rekwiżiti essenzjali tar-Regolament Bażiku. Il-karatteristiċi ewlenin ta' din il-Parti-T ġdida huma:

- Ir-rekwiżiti tal-Parti-T japplikaw biss għall-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiżi terzi użati:
 - minn operaturi li jeħtieġu ċertifikat skont il-Parti-ORO jew il-Parti-ORA; ħlief għall-inġenji tal-ajru użati skont ftehim ta' kiri bl-ekwipaġġ jew ta' kondivizzjoni tal-kodiċi, jew
 - fi ħdan, ġewwa jew barra mill-UE minn operaturi tal-UE stabbiliti jew residenti fl-UE.
- Ir-rekwiżiti tal-Parti-T japplikaw għal kull inġenju tal-ajru partikulari flimkien mar-rekwiżiti tal-Istat tar-Reġistrazzjoni.

L-emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru huma meħtieġa biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-bidliet fil-Parti-M u l-Parti-T. B'mod partikulari, dawn l-emendi jaffettwaw:

- id-dispożizzjonijiet għal kiri mingħajr ekwipaġġ ta' inġenju tal-ajru rreġistrat f'pajjiż terz inkluż kemm f'ARO.OPS.100 kif ukoll f'ARO.AOC.110; u
- il-kontenut tad-dikjarazzjoni għall-NCC stabbilit fl-Appendiċi I għall-Parti-ORO

I. Ġenerali

1. L-għan ta' din l-opinjoni hija li tissuġġerixxi lill-Kummissjoni temenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003¹, ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012² dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-attività ta' regolamentazzjoni huwa deskritt fit-Termini ta' Referenza (ToR) RMT.0244 MDN.047 u huwa deskritt f'aktar dettall hawn taħt.
2. L-Opinjoni ġiet adottata, skont il-proċedura speċifikata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija"),³, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008⁴ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ ir-Regolament Bażiku).
3. Ir-regoli proposti qiesu l-iżvilupp tal-liġi Internazzjonali u tal-Unjoni Ewropea (ICAO), u l-armonizzazzjoni mar-regoli ta' awtoritajiet oħra tas-sħab ewlenin tal-Unjoni Ewropea kif stabbilit fl-għanijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament Bażiku.

II. Konsultazzjoni

4. Notifika ta' Emenda Proposta (NPA) 2010-10⁵ li kienet tinkludi l-abbozz ta' opinjoni għar-Regolament tal-Kummissjoni li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 ġiet ippubblikata fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fl-10 ta' Awwissu 2010.
5. Sad-data ta' għeluq tal-10 ta' Diċembru 2010, l-Aġenzija rċeviet 131 kumment minn 24 awtorità nazzjonali, organizzazzjoni professjonali u kumpanija privata.
6. NPA -2010-10 indirizzat erba' kwistjonijiet differenti:
 - Kwistjoni 1: L-emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 biex tiġi allinjata mar-rekwiżiti addizzjonali ta' ajrunavigabbiltà kontinwa tar-Regolament Bażiku, għal inġenji tal-ajru b'magni kumplessi.
 - Kwistjoni 2: L-emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 biex tiġi allinjata mar-rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà kontinwa tar-Regolament Bażiku għall-operazzjoni b'finijiet kummerċjali.
 - Kwistjoni 3: L-emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2043/2003 biex tinkludi r-rekwiżiti għall-inġenji tal-ajru msemmija fl-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament Bażiku.
 - Kwistjoni 4: L-emenda tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 biex tinkludi r-rekwiżiti għall-prinċipji tal-fatturi umani li għandhom jiġu osservati fit-fassil u fl-applikazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru.

¹ Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar l-kapaċità kontinwa li jintużaw fl-ajru ta' inġenji ta' l-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1). Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 593/2012 tal-5 ta' Lulju 2012 (ĠU L 176, 06.07.2012, p. 38)

² Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jstabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. (ĠU L 296, 25.10.2012, p.1-148)

³ Deċiżjoni tal-MB tal-EASA 01-2012 tat-13 ta' Marzu 2012 li temenda u tissostitwixxi d-Deċiżjoni tal-MB 08-2007 dwar il-proċedura li għandha tiġi applikata mill-Aġenzija għall-ħruġ tal-opinjoni, l-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u l-materjal gwida ("Proċedura ta' Regolamentazzjoni").

⁴ Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jstabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE (OJ L 79, 19.03.2008, p. 1)


⁵ Ara l-Arkivji ta' Regolamentazzjoni http://www.easa.europa.eu/ws_prod/r/r_archives.php.

7. Il-kummenti kollha li waslu ġew rikonoxxuti u inkorporati f'żewġ Dokumenti ta' Tweġibiet għall-Kummenti (CRD), kif ġej:
- CRD-1 jittratta kummenti marbuta mal-kwistjonijiet 1, 2 u 4.
 - CRD-2 jittratta kummenti marbuta mal-kwistjoni 3.
8. CRD-1 ġie ppubblikat fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija fil-15 ta' Diċembru 2011 u s-CRD-2 ġie ppubblikat fl-20 ta' Marzu 2012. Dawn is-CRDs jinkludu lista tal-persuni u/jew l-organizzazzjonijiet kollha approvati li taw il-kummenti tagħhom u t-tweġibiet tal-Aġenzija.


III. Harsa ġenerali lejn it-Tweġibiet

a) Introduzzjoni


9. Din l-Opinjoni tipproponi emendi għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 dwar l-Ajrunavigabbiltà Kontinwa, dwar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 965/2012 dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru.



10. Fir-rigward tar-regolament għall-ajrunavigabbiltà kontinwa, din l-Opinjoni tinkludi:
- emendi għall-Anness I (Parti-M), u,
 - Anness V ġdid (Parti-T)





11. Fir-rigward tar-regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru, din l-Opinjoni tinkludi bidliet għall-parti-ORO u l-parti-ARO.



b) **Farsa ġenerali lejn it-Tweġibiet**

L-Aġenzija rċeviet total ta' 67 tweġiba minn partijiet interessati u awtoritajiet kompetenti differenti. Minbarra dawn it-tweġibiet, il-Grupp Konsultattiv Ewropew dwar il-Fatturi Umani (EHFAG) ta tweġiba oħra għas-CRD-1 fir-rigward tar-rekwiżiti tal-fatturi umani introdotti fil-proposta.

It-tweġibiet tqassmu hekk:

CRD-1 total: 44**CRD-2 total: 23****c) Tweġibiet għas-CRD-1**

Intbagħtu 44 tweġiba fis-CRT minn dawn l-14-il parti interessata u awtorità kompetenti: Aero-Club tal-Isvizzera, il-Manifatturi Ewropej tal-Glajders, LAMA Ewropa, l-Assoċjazzjoni tal-Inġenji tal-Ajru Ħfief tar-Repubblika Ċeka, Mr Ralf Keil, L-Isports fl-Ajru tal-Ewropa, Mr Graham Hallet, SVFB/ SAMA, Mr Werner Scholz, AOPA Svezja, il-Klabb Brittaniku tal-Iġfna tal-Ajru u l-Blalen tal-Arja, DGAC-Franza, l-Aġenzija Svediża tat-Trasport u UK CAA. Barra dan, l-EHFAG tat tweġiba waħda.

It-tweġibiet ġew irraggruppati f'dawn is-sugġetti:

1. Operazzjonijiet kummerċjali u trasport kummerċjali bl-ajru

Il-biċċa l-kbira mit-tweġibiet għas-CRD-1 għal NPA 2010-10 jaffettwaw id-definizzjoni tal-operazzjonijiet kummerċjali li jissuġġerixxu li l-operazzjonijiet b'ċerti kategoriji ta' inġenji tal-ajru ma għandhomx jitqiesu bħala operazzjonijiet kummerċjali. Dawn it-tweġibiet ġew innutati iżda ma ġewx aċċettati peress li din l-Opinjoni ma tittrattax il-kwistjoni dwar jekk attività għandhiex tiġi kklassifikata bħala kummerċjali jew mhux kummerċjali. It-terminu 'operazzjoni kummerċjali' huwa ddefinit fl-Artikolu 3 tar-Regolament Bażiku u ma jistax jiġi mibdul permezz ta' regola ta' implimentazzjoni ta' grad aktar baxx.

Barra dab, l-Aġenzija tirrikonoxxi d-dokument maħruġ mill-grupp tal-Istrateġija Ewropea tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni Ġenerali u l-azzjonijiet irrakkomandati f'dan id-dokument. B'mod partikulari, l-azzjoni A.1 tistieden lill-Istati Membri jagħtu r-rispons tagħhom dwar l-attivitajiet li mhumiex ikklassifikati bħala operazzjonijiet kummerċjali fis-sistema attwali tagħhom, u tistieden lill-Aġenzija u lill-Kummissjoni jikkunsidraw jipproponu bidliet fid-definizzjoni inkluża fir-Regolament Bażiku skont dan ir-rispons.

Tweġiba minnhom tgħid li d-definizzjoni ta' trasport kummerċjali bl-ajru inkluża fil-proposta għandha tiġi armonizzata mad-definizzjoni inkluża fir-regolament li ġej għall-Operazzjonijiet bl-Ajru. Din it-tweġiba ġiet innutata iżda ma ġietx aċċettata. Kif ġie spjegat f'CRD-1, kwalunkwe bidla fid-definizzjoni tat-trasport kummerċjali bl-ajru jkollha impatt fuq il-mitigazzjonijiet introdotti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 1056/2008⁶ għas-settur tal-avjazzjoni ġenerali.

2. Sistema ta' kwalità tas-CAMO ż-żgħar.

Bosta mit-tweġibiet għas-CRD-1 tal-NPA 2010-10 jaffettwaw ir-rekwiżiti biex ikun hemm sistemi ta' kwalità għal Organizzazzjonijiet ta' Ġestjoni tal-Ajrunavigabbiltà Kontinwa (CAMOs) li jimmaniġġjaw l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru b'magni kumplessi jew l-inġenji tal-arju involuti f'operazzjonijiet kummerċjali. Dawn it-tweġibiet ġew aċċettati.

Il-paragrafu 8.a4 tal-Anness IV tar-Regolament Bażiku jitlob illi l-organizzazzjonijiet li jikkontrollaw l-ajrunavigabbiltà kontinwa jew li jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru b'magni kumplessi jew inġenji tal-ajru f'operazzjonijiet kummerċjali għandu jkollhom sistema ta' ġestjoni. Din is-sistema ta' ġestjoni ma tistax tiġi ssostitwita b'sistema ta' kwalità.

L-elementi tas-sistema ta' ġestjoni ser jiġu introdotti fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 b'task MDM.055⁷, li mistennija tinħareġ għalih NPA qabel tmiem l-2012.

Fil-prinċipju, l-elementi tat-taqsim II ta' ORO.GEN, b'mod partikulari ORO.GEN.200 ser jiffurmaw il-bażi għall-abbozzar tal-bidliet ta' 2042/2003. Dan ser jiżgura li jintuża l-istess approċċ għall-SMS ta' implimentazzjoni għal organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-bdoti approvati, ċentri aeromediċi, operaturi, organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni (Parti-M, Subparti F u Parti-145, CAMOs u organizzazzjonijiet tat-taħriġ fil-manutenzjoni approvati skont il-Parti-147).

Sabiex jiġu implimentati r-rekwiżiti tas-sistema ta' ġestjoni proposti b'Parti-ORO, ser jenħtieġ li jiġu riveduti u adottati r-rekwiżiti eżistenti fil-qasam tas-sistema ta' ġestjoni, is-sistema ta' kwalità, it-tqassim organizzattiv, ir-reviżjoni organizzattiv, eċċ. Dan jimplika l-introduzzjoni ta' rekwiżiti għal sistema ta' ġestjoni li tinkludi ġestjoni tas-sigurtà u monitoraġġ tal-konformità, fost karatteristiċi oħra. Għas-suġġett partikulari tal-monitoraġġ tal-konformità fl-iżgħar organizzazzjonijiet, l-idea hija li jiġi propost programm ta' monitoraġġ tal-konformità proporzjonali li jżomm il-prinċipju ta' indipendenza (jiġifieri l-użu ta' nies esterni li jagħmlu verifiki).

Il-bidla proposta f'M.A.712 (f) hija kkanċellata.

3. Kuntratt ta' manutenzjoni

Bosta tweġibiet għas-CRD-1 tal-NPA 2010-10 huma relatati mal-ħtieġa li jiġi ċċarat meta jkun meħtieġ isir kuntratt bejn is-CAMO jew l-operatur u mar-rekwiżiti għal organizzazzjoni ta' manutenzjoni b'kuntratt, b'mod partikulari jsostnu li:

- meta jkun meħtieġ li jiġi stabbilit kuntratt bil-miktub mal-organizzazzjoni ta' manutenzjoni għandhom jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet;
- l-approvazzjoni tal-kuntratt bejn is-CAMO u l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni mill-awtorità kompetenti hija piż mhux meħtieġ.

Iż-żewġ tweġibiet ġew ikkunsidrati u t-test propost ġie emendat. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-kuntratt bejn is-CAMO u l-organizzazzjoni ta' manutenzjoni għandhom jiġu inklużi fl-

⁶ [Commission Regulation \(EC\) No 1056/2008](http://easa.europa.eu/regulations/continuing-airworthiness-regulations.php) of 27/10/2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 <http://easa.europa.eu/regulations/continuing-airworthiness-regulations.php> dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol [ĠU L 283, 28.10.2008, p. 5]

⁷ <http://easa.europa.eu/rulemaking/terms-of-reference-and-group-composition.php#MDM>

Espożizzjoni tal-Ġestjoni ta' Ajrunavigabbiltà Kontinwa (CAME), għaldaqstant dan huwa approvat flimkien mas-CAME u ma jeħtieġx approvazzjoni separata mill-awtorità kompetenti.

4. Ġurnal tekniku

Żewġ tweġibiet għas-CRD-1 iqisu li r-rekwiżiti biex ikun hemm ġurnal tekniku jirrappreżentaw piż fuq ċerti tipi ta' operazzjonijiet kummerċjali. Madankollu, l-Aġenzija tqis li s-sistema tal-ġurnal tekniku tipprovdi mezz sistematiku biex tinġabar u tiġi divulgata ċerta informazzjoni meħtieġa għall-operazzjoni u għall-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, bħall-ħinijiet ta' utilizzazzjoni, ir-rilaxx għas-servizz u n-nuqqasijiet differiti. Is-sistema tal-ġurnal tekniku ma għandhiex għalfejn tkun sistema kumplessa u għandha tiġi adattata għat-tip ta' inġenju tal-ajru u operazzjoni.

5. Fatturi umani fil-programm ta' manutenzjoni

L-EHFAG ikkummentat li l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-fatturi umani fil-Parti-M għandha ssir b'mod ikkonsolidat, u pproponiet li jkun hemm dewmien fl-introduzzjoni ta' kwalunkwe rekwiżit għall-fatturi umani għall-kompitu ta' regolamentazzjoni MDM.055. Wara dawn il-kummenti, il-bidla fil-proposta f'M.A.302 (h) ġiet ikkanċellata.

d) Tweġibiet għas-CRD-2

Intbagħtu tlieta u għoxrin tweġiba fis-CRT minn dawn il-5 partijiet interessati u awtoritajiet kompetenti: IACA, CAA-NL, DGAC-Franza, l-Aġenzija Svediża tat-Trasport u UK CAA. Bosta minn dawn it-tweġibiet huma kummenti li jappoġġjaw il-proposta inkluża fis-CRD-2. Is-suġġetti ewlenin li ġew indirizzati fit-tweġibiet huma dawn:

1. Applikabbiltà tar-regolament

Żewġ tweġibiet għas-CRD-2 jaffettwaw l-applikabbiltà tar-regolament għall-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz imħaddma minn operaturi li għandhom is-sede prinċipali tagħhom fl-UE. Tweġiba minnhom tappoġġja r-regoli proposti filwaqt li t-tweġiba l-oħra tikkunsidra li r-regolament ma għandux japplika għall-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terzi u mħaddma barra mill-UE minn operaturi tal-UE, bħal organizzazzjonijiet tat-taħriġ tal-bdoti li jipprovdu taħriġ barra mill-UE b'inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz jew operaturi tat-trasport kummerċjali bl-ajru li jħaddmu inġenji tal-ajru rreġistrati barra mill-UE.

It-tweġiba tal-aħħar ma ġietx aċċettata. L-applikabbiltà ta' dan ir-Regolament hija stabbilita skont l-applikabbiltà speċifikata fl-Artikolu 4(1)(c) tar-Regolament Bażiku u billi tqis id-dispożizzjonijiet għal kiri bl-ekwipaġġ u kondiviżjoni tal-kodiċi stabbiliti fl-Anness III (parti-ORO) tar-Regolament (UE) 965/2012. Dan ifisser li, l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament ser jinkludi:

- l-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz u użati minn operatur soġġett għal ċertifikazzjoni skont l-Anness III (Parti-ORO) tar-Regolament (UE) 965/2012 jew l-Anness VII (Parti-ORA) tar-Regolament (UE) 1178/2011, esklużi l-inġenji tal-ajru użati b'arranġament ta' kiri bl-ekwipaġġ jew ta' kondiviżjoni tal-kodiċi, irrispettivament minn fejn ikun qegħdin jitħaddmu l-inġenji tal-ajru, u,
- l-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz u użati fi ħdan, ġewwa jew barra mill-UE, minn operatur stabbilit jew residenti fl-UE. Dan jeskludi l-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz li jintużaw biss barra mill-UE minn operaturi stabbiliti jew residenti fl-UE.

2. Implimentazzjoni tar-regolament

Tweġiba minnhom għas-CRD-2 issostni li l-sorveljanza tal-implimentazzjoni tar-regolament għal inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz ħlief inġenji tal-ajru b'magni kumplessi ser tkun diffiċli ħafna peress li m'hemmx obbligu għall-operaturi li jiddikjaraw l-attività tagħhom lill-awtorità kompetenti, u barra dan, ikollha impatt ekonomiku fuq l-awtoritajiet kompetenti li jkun sproporzjonat apparagun mal-benefiċċji potenzjali tas-sigurtà. Il-kummentatur

jissuġġerixxi l-użu tal-programm ta' Valutazzjoni tas-Sigurtà tal-Inġenji tal-Ajru Barranin (SAFA) għas-sorveljanza ta' dawk l-inġenji tal-ajru.

It-tweġiba ġiet aċċettata parzjalment. Dan ir-regolament għandu l-għan li jissodisfa l-ħtieġa espressa fir-Regolament Bażiku biex jiżgura b'mod effettiv is-sigurtà tal-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz li jopera fl-UE. L-ispezzjonijiet tal-SAFA jistgħu jintużaw bħala parti mill-programm ta' sorveljanza għal dawk l-inġenji tal-ajru.

3. Kiri mingħajr l-ekwipaġġ ta' inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz

Intbagħtu tliet tweġibiet għas-CRD-2 fir-rigward tal-kiri mingħajr ekwipaġġ ta' inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz minn operaturi tal-UE.

Waħda minn dawn it-tweġibiet tesprimi l-appoġġ tal-kummentatur favur il-fatt li l-proposta tippermetti l-possibbiltà kontinwa li jinkera inġenju tal-ajru mingħajr ekwipaġġ f'pajjiż terz minn operaturi tat-trasport kummerċjali bl-ajru tal-UE. Din it-tweġiba ġiet innutata.

It-tieni tweġiba tipproponi l-emenda tat-test ta' ARO.OPS.110 (c) biex tipprekludi l-possibbiltà li l-inġenji tal-ajru rreġistrati fi Stat soġġett għal projbizzjoni ta' operar skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2111/2005 jinkrew mingħajr ekwipaġġ minn operaturi tal-UE. Din it-tweġiba ġiet aċċettata.

It-tielet tweġiba teħtieġ kjarifika tad-dispożizzjonijiet ta' T.A.205 (1) għall-operaturi tat-trasport kummerċjali bl-ajru tal-UE li jikru inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ f'pajjiż terz. Din it-tweġiba ġiet innutata u din il-kjarifika ser tiġi inkluża fl-AMC/GM.

4. Id-dikjarazzjoni tal-operatur

Tweġiba minnhom għas-CRD-2 għandha x'taqsam mar-rekwiżit li jkun hemm dikjarazzjoni għall-operatur ta' inġenji tal-ajru b'magni kumplessi rreġistrati f'pajjiżi terzi għal operazzjonijiet kummerċjali. Il-kummentatur iqis li din id-dikjarazzjoni tkun piż għal dawk l-operaturi apparagun ma' operaturi ta' inġenji tal-ajru rreġistrati fl-UE. Din it-tweġiba ġiet aċċettata wara li tqies illi l-Opinjoni 04/2011 diġà kienet tinkludi:

- dispożizzjonijiet għad-dikjarazzjoni ta' operatur ta' inġenji tal-ajru b'magni kumplessi użati għal operazzjonijiet kummerċjali (ORO.DEC.100); u
- mudell għad-dikjarazzjoni lill-awtorità kompetenti (Appendiċi I tal-Parti-ORO).

Din l-Opinjoni 06/2012 tipproponi emenda għall-mudell biex dan jinkludi l-informazzjoni rilevanti għall-ajrunavigabbiltà kontinwa.

5. Konformità mal-informazzjoni obligatorja maħruġa mill-Aġenzija

Bosta tweġibiet għas-CRD-2 għandhom x'jaqsmu mad-dispożizzjonijiet ta' T.A.201 (1)(g) li jeħtieġu lill-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiżi terzi jikkonformaw ma' kwalunkwe rekwiżit obligatorju applikabbli maħruġ mill-Istat tar-Reġistrazzjoni u informazzjoni obligatorja dwar is-sigurtà maħruġa mill-Aġenzija, inklużi direttivi dwar l-ajrunavigabbiltà. L-Aġenzija tirrikonoxxi li f'każi speċifiċi jista' jkun hemm kunflitti bejn ir-rekwiżiti obligatorji maħruġa mill-Istat tar-Reġistrazzjoni u l-informazzjoni obligatorja dwar is-sigurtà maħruġa mill-Aġenzija. F'dawk il-każi l-operatur jkollu jqis mezzi alternattivi biex isolvi dan il-kunflitt.

IV. Bidliet ewlenin introdotti fir-regolament minn din l-Opinjoni.

Bidliet biex jiġi kopert ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003

L-Artikolu 1 huwa emendat biex jispeċifika l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament Bażiku.

L-Artikolu 2 huwa emendat biex tiġi miżjuda definizzjoni li tispjega t-tifsira ta' "trasport kummerċjali bl-ajru" fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 u biex jispeċifika li l-definizzjonijiet li huma inklużi fl-Artikolu 2 huma maħsuba biex jintużaw fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003.

L-Artikolu 3 huwa emendat biex tiġi żgurata konsistenza mal-bidliet li saru fl-Artikolu 1 u biex jiġi ċċarat liema dispożizzjonijiet huma applikabbli għal kull kategorija ta' inġenju tal-ajru. Barra dan, peress li r-Regolament (KE) 1702/2003 tħassar bir-Regolament (UE) 748/2012, ir-referenza fil-punt 3 ġiet aġġornata.

L-Artikolu 4(1) huwa emendat biex jiċċara liema dispożizzjonijiet għandhom jintużaw għall-ħruġ tal-approvazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni.

Bidliet fil-Parti-M




M.1 Awtorità Kompetenti

M.1 (4) ġiet emendata biex tissimplifika d-dispożizzjonijiet għall-għażla tal-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tal-programm ta' manutenzjoni.

M.A.201 Responsabbiltajiet

M.A.201(e)-(k) huma emendati biex:

- jiġi ssostitwit t-terminu "inġenji tal-ajru kbar" bit-terminu "inġenji tal-ajru b'magni kumplessi";
- jiġi introdott il-kunċett ta' "operazzjonijiet kummerċjali"
- jiġu speċifikati għal kull kategorija ta' inġenju tal-ajru u għal kull tip ta' operazzjoni, ir-rekwiżiti għall-ħtieġa ta' CAMO, kuntratt bejn is-CAMO u l-operatur/is-sid, ir-rekwiżiti għall-ħtieġa ta' organizzazzjoni ta' manutenzjoni u l-kuntratt ma' organizzazzjoni ta' manutenzjoni bħal din



M.A.301 Kompiti ta' ajrunavigabbiltà kontinwa

M.A. 301(2) ġiet emendata biex tallinja din id-dispożizzjoni mal-possibbiltà li tiġi stabbilita MEL fuq bażi volontarja għall-operazzjonijiet mhux kummerċjali ta' ajruplani għajr dawk b'magni kumplessi li ġiet prevista wkoll fir-Regoli ta' Implimentazzjoni għall-Operazzjonijiet bl-Ajru permezz tal-Artikolu NCO.GEN.155.

M.A.302(4) u M.A.302(7) ġew emendati biex "inġenji tal-ajru kbar" tiġi ssostitwita b'"inġenji tal-ajru b'magni kumplessi".

M.A.302 Programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru

M.A.302(c) ġiet emendata biex tiġi żgurata konsistenza mal-emendi li saru f'M.1.

M.A.302(f) ġiet emendata biex "inġenji tal-ajru kbar" tiġi ssostitwita b'"inġenji tal-ajru b'magni kumplessi"

M.A.305 Sistema ta' rekords tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru

M.A.305(b) ġiet emendata biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-emendi li saru f'M.A.306 (a)

M.A.306 Sistema ta' ġurnal tekniku tal-operatur

It-titolu ta' dan il-punt ġie mibdul minn "sistema ta' ġurnal tekniku tal-operatur" għal "sistema ta' ġurnal tekniku tal-inġenju tal-ajru" biex tiġi żgurata l-konsistenza mat-terminoloġija użata kemm f'subpartijiet oħra ta' dan ir-regolament u kemm f'regolamentazzjoni għall-Operazzjonijiet tal-Ajru.

M.A.306(a) ġiet emendata biex testendi r-rekwiżiti tal-ġurnal tekniku għall-inġenji tal-ajru użati għal operazzjonijiet kummerċjali. L-Aġenzija tqis li għal operazzjonijiet kummerċjali, l-operatur għandu jipprova ġurnal tekniku tal-inġenju tal-ajru sabiex jiġbor u jxerred ċerta informazzjoni meħtieġa għall-operazzjoni u l-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, bħall-ħinijiet ta' utilizzazzjoni, rilaxx għas-servizz u n-nuqqasijiet differiti.

M.A.403 Rettifika tan-nuqqasijiet

M.A.403 (b) ġiet emendata biex tallinja mad-dispożizzjonijiet ta' NCO.GEN.155, li jipprevedu l-possibbiltà li tiġi stabbilita MEL fuq bażi volontarja u li ma teħtieġx approvazzjoni minn awtorità kompetenti. Barra dan, it-test huwa emendat ulterjorment biex:

- jiċċara li l-MEL tista' tintuża wkoll minn persunal ta' ċertifikazzjoni awtorizzat biex jiddifferixxi n-nuqqasijiet, u
- ineħħi d-dispożizzjoni dwar in-nuqqasijiet tal-"inġenji tal-ajru ddefiniti bħala aċċettabbli mill-awtorità kompetenti".

M.A.403(c) ġiet emendata biex tiċċara li r-rettifika tan-nuqqasijiet differiti għandha ssir fil-perjodu speċifikat fid-dejta tal-manutenzjoni jew l-MEL.

M.A.504 Kontroll tal-komponenti li ma jissewewx

M.A.504(b) ġiet emendata biex "inġenji tal-ajru kbar" tiġi ssostitwita b'"inġenji tal-ajru b'magni kumplessi".

M.A.708 Ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

M.A.708(c) ġiet emendata u r-rekwiżiti ġew separati f'żewġ paragrafi, jiġifieri M.A.708(c) u M.A.708 (d).

M.A.708(c) tispeċifika li għal inġenji tal-ajru b'magni kumplessi u l-inġenji tal-ajru involuti f'operazzjonijiet kummerċjali, inkluż it-trasport kummerċjali bl-ajru, għandu jiġi stabbilit kuntratt bejn is-CAMO u organizzazzjoni ta' manutenzjoni xierqa. Din il-bidla hija konformi mal-emendi introdotti f'M.A.201.

M.A.708(d) tinkludi dispożizzjoni li f'ċerti każijiet tippermetti d-devjazzjoni minn M.A.708(c).

M.A.801 Ċertifikat tal-Inġenju tal-Ajru ta' rilaxx għas-servizz

M.A.801(c) ġiet emendata biex "trasport kummċerjali bl-ajru" tissostitwixxi "operazzjonijiet kummerċjali".

M.A.803 Awtorizzazzjoni tal-bdot sid

M.A.803(b) ġiet emendata biex tiġi żgurata konsistenza mat-terminoloġija użata fir-regolament.

M.A.901(g) Reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenji tal-ajru

M.A.901(g) ġiet emendata biex tiġi allinjata mal-bidliet li saru f'M.A.201

M.B.105 Skambju reċiproku ta' informazzjoni

M.B.105 ġiet emendata biex taġġorna r-referenza għall-Artikolu 15 tar-Regolament Bażiku.

Appendiċi I Kuntratt ta' Ajrunavigabbiltà Kontinwa

Fl-Appendiċi I saru l-emendi li ġejjin:

- it-terminu "arranġament" huwa ssostitwit bit-terminu "kuntratt"
- ġie introdott l-akronimu CAMO biex jirreferi għal organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa approvata skont parti-M Subparti-G
- ir-referenzi għar-Regolament (KE) 1702/2003 huwa ssostitwiti minn referenzi għar-Regolament (UE) 748/2012
- punt 3 huwa emendat biex ikun meħtieġ li t-tip ta' operazzjoni tiġi speċifikata fil-kuntratt.
- punt 4 huwa emendat biex tiġi korretta t-terminoloġija użata meta ssir referenza għall-awtorità kompetenti
- Fil-punt 4, il-kelma "tiċċertifika" hija ssostitwita minn "tiddikjara" peress l-użu tal-kunċett ta' ċertifikazzjoni f'din is-sentenza mhuwiex konsistenti mad-definizzjoni fl-Artikolu 3(e) tar-Regolament Bażiku
- Fil-punt 5.1, oġġett 7 ġie fformulat mill-ġdid biex jiċċara r-responsabbiltajiet tas-CAMO kkuntrattata fir-rigward tar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà.

Appendiċi VI Approvazzjoni tal-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa

Paġna 1 taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni ġiet emendata biex tagħmel referenza għall-konformità mar-rekwiżiti tal-Anness V (Parti-T) għal dawk l-organizzazzjonijiet li għandhom proċeduri approvati mill-awtorità kompetenti biex jimmaniġġjaw l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz.

Kontenut tal-Parti-T il-ġdida

Parti-T hija stabbilita biex tinkludi r-rekwiżiti ta' ajrunavigabbiltà kontinwa applikabbli għall-inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terz u użati minn operaturi tal-UE. Kif ġie spjegat f'NPA 2010 -10, l-istruttura tal-Parti-T inżammet simili kemm jista' jkun għall-istruttura tal-Parti-M, billi tinkludi t-Taqsima A u t-Taqsima B.

L-għan tar-rekwiżiti ewlenin tal-Parti-T u l-bidliet li saru fit-test wara s-CRD-2 2010-10 huma deskritti hawn taħt.

T.1 Awtorità Kompetenti

Dan il-paragrafu huwa inkluż fil-Parti-T biex jidentifika l-awtoritajiet kompetenti li jieħdu ħsieb il-monitoraġġ tal-konformità mar-rekwiżiti ta' din il-Parti-T.

Taqsim A

Taqsim A tinkludi r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għall-inġenji tal-ajru, l-operaturi, l-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa u l-organizzazzjonijiet ta' manutenzjoni maqsuma fis-subpartijiet li ġejjin:

Subparti-A

Din is-subparti tistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-anness, li hi mmirata lejn inġenji tal-ajru rreġistrati f'pajjiż terzi li huma mħaddma minn operaturi tal-UE.

Subparti-B

Din is-subparti tinkludi żewġ paragrafi, T.A.201 li tistabbilixxi r-Rekwiżiti komuni li għandhom jitħarsu mill-inġenji tal-ajru kollha fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-Parti u T.A.205 li tipprovdri rekwiżiti addizzjonali għall-inġenji tal-ajru involuti f'operazzjonijiet kummerċjali u t-tħaddim ta' inġenji tal-ajru b'magni kumplessi.

T.A.205 ġiet emendata wara tweġiba mibgħuta lis-CRD-2 2012-10 u r-rekwiżiti għal dikjarazzjoni jkunu ġew imħassra.

Subparti-C Programm ta' manutenzjoni

Din is-subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jitħarsu mill-programm ta' manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-anness.

Subparti-E Organizzazzjoni ta' manutenzjoni

Din is-subparti tistabbilixxi r-rekwiżiti li għandhom jitħarsu mill-organizzazzjoni li twettaq manutenzjoni fuq inġenji tal-ajru b'magni kumplessi jew inġenji tal-ajru involuti f'operazzjonijiet kummerċjali. Paragrafu T.A.501 huwa emendat wara ċerti tweġibiet irċevuti għas-CRD-2 2010-10, sabiex jiġu ċċarati d-dispożizzjonijiet dwar is-sistema tar-rappurtar tal-okkorrenzi u l-elementi li għandhom jiġu vverifikati mill-organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa.

Subparti G — Rekwiżiti addizzjonali għall-organizzazzjonijiet ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa skont l-Anness I (Parti-M) Subparti-G

Għal inġenji tal-ajru b'magni kumplessi u l-inġenji tal-ajru involuti f'operazzjonijiet kummerċjali, ir-Regolamenti Bażiku jeħtieġ fl-Anness IV punt 8.g li organizzazzjoni tintuża biex timmaniġġja l-ajrunavigabbiltà kontinwa. Organizzazzjoni bħal din sejra tkun CAMO li minbarra milli tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Parti-M subparti-G, tikkonforma wkoll mar-rekwiżiti ta' din is-subparti-G.

Din is-subparti tispeċifika rekwiżiti għal proċeduri speċifiċi li għandhom jiġu inklużi fl-espożizzjoni tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa, rekwiżiti ta' għarfien għall-persunal tal-organizzazzjoni, rekwiżiti tas-sistema ta' kwalità u rekwiżiti ta' dokumentazzjoni. Tinkludi wkoll il-privileġġi li jista' jkollha organizzazzjoni jekk tikkonforma mar-rekwiżiti tal-Parti-T.

Barra minn hekk, tispeċifika fil-paragrafu T.A.708, il-kompiti li għandhom jitwettqu mill-organizzazzjoni. Dan il-paragrafu huwa emendat wara xi tweġibiet li saru għas-CRD-2 2010-10, biex tiġi inkluzja dispożizzjoni li teħtieġ li jiġi stabbilit kuntratt skont l-Anness I tal-Parti-T

kull meta organizzazzjoni ta' ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa tiġi kkuntrattata biex timmaniġġja l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru.

Taqsimu B- Proċeduri addizzjonali għall-awtoritajiet kompetenti

Taqsimu B tinkludi rekwiżiti amministrattivi addizzjonali għall-awtoritajiet kompetenti.

Bidliet fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 965/2012 dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru Bidliet fl-Anness II (parti-ARO)

ARO.OPS.110 Ftehimiet ta' Kiri

ARO.OPS.110(c) ġiet emendata biex tinkludi dispożizzjoni għall-awtorità kompetenti biex tissospendi jew tirrevoka ftehim ta' kiri mingħajr ekwipaġġ kull meta l-inġenju tal-ajru jkun irregiſtrat fi Stat soġġett għal projbizzjoni ta' operar.

Bidliet fl-Anness III (Parti-ORO)

ORO.AOC.100(c), ORO.AOC.110(b) u ORO.AOC.110(d) huma emendati biex tiġi żgurata l-konsistenza mal-bidliet fir-Regolament tal-Kummissjoni 2042/2003 fir-rigward tal-inġenji tal-ajru rregiſtrati f'pajjiż terz.

ORO.AOC.130 (a) u (b) huma emendati biex jissostitwixxu "sistema ta' monitoraġġ tad-dejta" bi "programm ta' monitoraġġ tad-dejta tat-titjira", sabiex dan it-terminu jsir aktar konsistenti mat-terminu użat fil-mezzi aċċettabbli ta' konformità u l-materjal ta' gwida għal ORO.AOC.130 u għal ORO.FC.A.245. It-terminu "Programm ta' monitoraġġ tad-dejta tat-titjira" kien diġà użat fl-Anness tar-Regolament 859/2008 (OPS UE) 1.037 (a)(4) u l-Gwida għall-Fuljett Temporanju Nru 44 (JAR OPS 1 Taqsimu 2). It-terminu "progamm ta' monitoraġġ tad-dejta tat-titjira" huwa komuni fil-gwida dwar il-monitoraġġ tad-dejta tat-titjira, eż CAP 739 ippubblikat mill-Awtorità tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Renju Unit, u ċar għall-partijiet interessati kollha.

Appendiċi I "Dikjarazzjoni tal-operatur" ġiet emendata biex tinkludi l-informazzjoni rilevanti għall-ajrunavigabbiltà kontinwa.

V. Dħul fis-seħħ

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tal-emendi kemm tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) 2042/2003 u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 965/2012 huma proposti billi jqisu li huwa meħtieġ li jingħata żmien suffiċjenti lill-industrija aeronawtika u l-amministraturi tal-Istati Membri biex jadattaw għall-qafas regolatorju l-ġdid u jiżguraw sinkronizzazzjoni mal-applikazzjoni tar-regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru u l-emendi diġà proposti, jiġifieri l-parti-NCC. B'riżultat ta' din għet proposta l-iskema li ġejja għall-applikazzjoni:

- l-applikazzjoni tal-bidliet fil-parti-M, l-applikazzjoni tal-parti-T għall-inġenji tal-ajru użati għat-trasport kummerċjali bl-ajru u l-bidliet fil-punti ARO.OPS.110(c), ORO.AOC.100, ORO.AOC.110 u ORO.AOC.130 tar-Regolament (UE) 965/2012 għet stabbilita għat-28 ta' Ottubru 2014. Dan biex jiġi żgurat li daww il-bidliet ikunu applikabbli meta r-Regolament (UE) 965/2012 ikun applikabbli fl-Istati Membri kollha.
- l-applikazzjoni tal-parti-T għall-inġenji tal-ajru li ma jintużawx għat-trasport kummerċjali bl-ajru hija stabbilita għat-28 ta' Ottubru 2015.
- id-data tal-applikazzjoni tal-bidliet fl-Appendiċi I tal-Anness III tar-Regolament (UE) 965/2012 għandha tiġi kkoordinata mal-proċess ta' adozzjoni tar-regolament dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru għall-inġenji tal-ajru b'magni kumplessi li mhumiex involuti f'operazzjonijiet kummerċjali (Opinjoni 04/2011).

Cologne, 27 ta' Novembru 2012

P. GOUDOU
Direttur Eżekuttiv